MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2012

Avviz Numru. 262/2011

**Fl-atti tal-Ittra Ufficcjali mibghuta minn Godwin Navarro lil G.T Shirts Co. Ltd u Alfred Testa.**

**Godwin Navarro**

**vs**

**G.T Shirts Co. Ltd u Alfred Testa**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat minn Alfred Testa et nhar id-dsatax (19) ta' Lulju, 2011 fejn ippremetta s-segwenti:

*"Illi l-esponenti gew notifikati b'ittra ufficcjali maghmula ai termini tal-Artikolu 256(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn huma gew interpellati sabiex ihallsu lir-rikorrenti Godwin Navarro s-somma ta' elfejn, disgha mija u erbgha w erbghin Ewro u tlieta u tletin centezmu (€2,944.33).*

*Illi l-imsemmija somma u kambjala huma in effetti gja inkluzi mir-rikorrenti Navarro fi proceduri ohra li huwa kien ghamel illum decizi fl-atti tac-citazzjoni fl-ismijiet 'Godwin Navarro vs GT Shirts Co. Ltd', Cit Numru 214/2010 JA, oltre il-fatt li minhabba numru ta' fatturi u hlasijiet l-imsemmi ammont huwa gia imhallas. Illi ir-rikorrenti qed jittanta jqarraq sempliciment minhabba li l-kambjala jidher li ghadha fil-pussess tieghu.*

*Illi ghalhekk l-ammont reklamat mhux dovut.*

*Ghaldaqstant l-esponenti qed jikkontestaw it-talba mressqa mir-rikorrenti Godwin Navarro u jitolbu li l-ammont mitlub ma jigix rez ezekuttiv u li dina l-procedura titkompla skond il-Ligi.*

*Bl-ispejjez."*

Rat ir-risposta ta' Godwin Navarro pprezentata fl-atti nhar l-1 ta' Awwisu, 2011 fejn eccepixxa:

"*Illi l-esponenti ghadu kemm gie notifikat bir-rikors prezentat mir-rikorrenti tad-19 ta' Lulju, 2011 u in ottemporanza mad-digriet moghti minn din il-Qorti fl-20 ta' Lulju, 2011 jiddikjara li filwaqt li huwa veru li kien hemm kawza pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili li giet deciza u mhux appellata la minn G.T Shirts Limited u lanqas minn Alfred Testa li gew dikjarati debituri tal-esponenti, liema kawza kienet tirrigwarda hlas' ta' import ta' kambjala li kienet skaduta u ma gietx imhalsa. L-import li intalab permezz tal-ittra ufficcjali hawn fuq riferita jirreferi ghal import ta' kambjala ohra u kwindi iz-zewg importi ta' zewg kambjali huma differenti u ma ghandhomx x'jaqsmu xejn bejn xulxin.*

*Illi ghalhekk ma hemm ebda qerq da parte tal-esponenti kontra hadd – anzi il-fatti jitkellmu wahedhom*."

Rat il-verbal tat-22 ta' Settembru, 2011 fejn Dr Gatt ghan-nom tar-rikorrenti talab li l-atti kollha tas-sentenza li nghatat fl-ismijiet 'Godwin Navarro vs G.T. Shirts Co. Ltd

et' (Rik. Gur. Nru. 214/10 JA) jigu allegati ma' dan il-process.

Rat l-oggezzjoni ta' Dr. Schembri ghall-intimat stante li il-mertu ta' dik il-kawza deciza jirriferixxi ghall-kambjala differenti.

Rat id-digriet taghha tal-istess jum fejn laqghet it-talba tar-rikorrenti peress illi l-partijiet mhux ser isofru xi pregudizzju u konsegwentement ordnat l-allegazzjoni tal-atti kif mitluba.

Semghet ix-xhieda tar-rikorrent **Alfred Testa** li xehed nhar id-9 ta' Jannar 2012 u kkonferma li nghatat sentenza fl-ismijiet '**<u>Godwin Navarro vs G.T. Shirts Co Ltd</u>',** Citazzjoni Nru 214/10 mill-Imhallef Joseph Azzopardi. Qal li din hija deciza u huwa gie kkundanat ihallas somma flus lill-istess attur f'dik il-kawza, intimat illum, u jghid li f'dik il-kawza effettivament kien ikkontesta l-kwistjoni ta' l-imghax. Tenna li fl-istatement maghmul minn Godwin Navarro fil-kawza diga' deciza hemm inkluz il-kambjala mitluba minnu fil-proceduri odjerni. Spjega li apparti l-ammont mitlub fil-kawza precedenti ma kien hemm l-ebda pendenza bejniethom u dan kif jirrizulta mid-dokumentazzjoni u invoices li kien jibaghtlu l-istess Navarro kull xahar. Sahansitra qal ukoll li kien hemm anke korrispondenza minn naha taghhom fejn talbu li jinghataw xi kambjali, pero' dawn gew mizmuma minnu. Ikkonferma li l-bilanc li qed jitlob l-intimat, Godwin Navarro mhux dovut minnu. Muri l-istatement li jinsab esebit a fol 22 tal-atti li gew allegati mal-proceduri odjerni, spjega illi il-kambjala relatata Nru 1024 ghall-brieret hija diga' indikata f'dan l-istess invoice.

Spjega f'aktar dettal u qal li l-ammont mitlub kien gie maqsum f'erba' kambjali u wahda minnhom hija mizmuma ghandu u hija dik in kwistjoni li tkopri parti mil-kambjali Nru 1024. Qal li huwa kien ordna tlett containers brieret, polo shirts u t-shirts minghand is-sur Navarro. L-ewwel konsenja li tirrelata ghal kambjala Nru 1024 kienet tirrapprezenta l-bejgh ta' brieret fl-ammont ta' Lm11,871 kif indikat a fol 22 tal-atti allegati. Qabel ma effettivament

kien wasal ix-xoghol kien tah is-somma ta’ disat elef Lira Malrin (Lm 9,000) minn dan l-istess ammont, u ghalhekk kien ghad baqa’ bilanc ta’ elfejn u tmienja u wiehed u sebghin Lira Maltin (Lm2,871). Il-container in kwistjoni kien dahal fit-22 ta’ Mejju, 2007.

Insegwitu fl-4 ta’ Lulju, 2007 ir-rikorrent kien ghamel pagament iehor fl-ammont ta’ elfejn Lira Maltin (Lm2,000) kif jidher fl-istess statement miktub minnu a fol 22 tal-atti allegati. Ix-xhud gie muri statement li huwa datat 31 ta’ Jannar, 2011 redat mill-istess Navarro. Spjega li f’dan l-istess statement immarkat bhala Dokument CSH hemm miktub li l-ammont li x-r-rikorrent ghandu jaghti lilu ilum il-gurnata huwa ta’ hames t’elef, sebgha mija u tmintax-il Lira Maltin u erbgha w sebghin centezmi (Lm5,718.74). Minn dan l-ammont pero’ hemm l-interessi dovuti u l-interessi jammontaw ghal elfejn u tlieta w disghin Lira Maltin (Lm 2,093) u ghalhekk jekk jitnehha dan l-ammont ta’ Lm2,093 mill-ammont ta’ Lm 5,718.74, jibqa’ bilanc ta’ tlett elef u sitt mitt Lira Maltin (Lm3,600) li huwa l-ammont mitlub, liema ammont gia gie deciz fil-kawza mill-Imhallef Azzopardi imsemmija aktar ‘ l fuq**.**

Semghet ix-xhieda ta’ **Jean Paul Testa** li xehed ukoll nhar id-9 ta’ Jannar, 2012 u spjega illi huwa jokkupa il-kariga ta’ Direttur fis-socjeta’ G.T.Shirts Co Ltd. Tenna li l-konsenja totali ta’ tlett containers kienet tammonta ghal madwar disgha w hamsin elf u disgha mitt Lira Maltin (Lm59,900) u li ma’ dan l-ammont kollu kien ghad hemm pendenti min-naha taghhom sabiex ihallsu lil Navarro is-somma ta’ tlett, elef u disgha mija u tmienja w sittin Lira Maltin (LM3,968) u kienu hallewhom pendenti bi qbil ma’ Godwin Navarro peress li kien hemm xi difetti fit-tessuti li gew konsenjati. Godwin Navarro kien dejjem iweghdhom li ser jirrangaw din il-kwistjoni billi jaghtihom din is-somma li kienu qed jippretendu jew jaghtihom materjal f’dak il-valur. Sahaq li dan il-ftehim pero’ qatt ma rrealizza ruhu tant li Godwin Navarro ghamlilhom kawza ghal dan il-bilanc. Huma wkoll ghamlu kawza kontra tieghu biex jithallsu tal-affarijiet tat-tessuti. Qal li fuq il-bilanc ta’ Lm3,968 qatt ma kien hemm kontestazzjoni fis-sens li kienu jafu li huma dovuti. Pero’ hassew li ma kellhomx

ihallsu interessi fuqhom peress li kien hemm din il-kwistjoni pendenti bejniethom li suppost kellha tigi rizolta.

Rat in-nota tal-konvenuti prezentata nhar is-7 ta' Marzu, 2012 li permezz taghha huma esebew korrispondenza/prospett fejn jidher car li l-ammont in kontestazzjoni bejn il-partijiet dejjem kien dak ta' tlett elef Lira Maltin (Lm3,000) liema ammont jinsab illum gia kanonizzat permezz ta' sentenza ohra moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili kif spjegat minnu fix-xhieda taghhom.

Rat ix-xhieda ta’ **Alfred Testa** tal-5 ta’ Lulju 2012 fejn in kontro-ezami iddikjara li l-kambjala li kien hemm prezentata fl-atti tal-kawza quddiem l-Imhallef Joseph Azzopardi rigwardanti l-kambjala li kienet taghlaq fl-24 ta’ Lulju 2007, fl-ammont ta’ tlettax-il elf, sitt mija u tmienja u ghoxrin Liri Maltin (Lm13,628), m’ghandhiex x’taqsam mat-talba odjerna. Huwa kkonferma li huma kienu kitbu lill-parti l-ohra fejn kienu nfurmawha, li huma kienu ghamlu xi hlas ta’ kambjali, u l-kambjali ma’ gewx ritornati lura lilhom. Huma kienu qalulhom li kien ghad fadal biss bilanc ta’ tlett elf u erba’ mitt Lira Maltin (Lm3,400) u l-parti l-ohra kienet ukoll qablet ma’ dan. L-ittra li x-xhud ra quddiemu pprezentata f’dawn l-atti u mmarkata bhala dokument X hija ittra mibghuta minnu dwar dawk il-kambjali li huma hallsu taghhom u ma’ gewx ritornati lilhom. Illum l-gurnata pero’ dawn il-kambjali imsemmija fid-dokument X jinsabu kollha ghand ix-xhud. Pero’ hemm zewg kambjali neqsin cioe’ dik li dwarha hemm decizjoni mill-Qorti Prim’Awla fil-kawza numru 214/2010 u dik li tikkoncerna il-kawza odjena.

Ix-xhud stqarr li dwar il-kambjala 1024 dwar il-konsenja tal-brieret din kienet giet imhallsa, x-xhud kien hallsu cash qabel ma’ effettivament gew il-brieret. Mistoqsi jekk huwiex minnu fill-fatt jekk l-invoice 1024 tirreferiex ghall-brieret jew effettivament tirreferriex ghal polo shirts qal li ma jistax iwiegeb qabel ma’ jara l-kambjala. Ix-xhud gie muri dokument Y u qal ukoll f’dan l-istadju, li ma jistax iwiegeb jekk l-invoice 1024 tirreferix ghal brieret jew ghal polo shirts.

Muri l-kambjala esebita f'dawn l-atti a fol 14, qal li din hija kambjala fl-ammont ta' elf, mitejn u erbgha u sittin Liri Maltin (Lm1,264) u qieghda tirrefieri ghal proforma invoice DD ta' 2 April 2007. In-numru huwa 2/1024. Ghalhekk ikkonferma li dokument Y li huwa esebit f'dawn l-atti qed jirrefieri ghall-istess kambjala li huwa ghadu kif xehed dwarha. Huwa spjega li huma kienu ghamluha cara mas-sur Navarro li huwa kellu johrog statement of account wiehed u cioe' li kienu dahhluha l-invoices kollha li huwa kien tah u in segwitu skont il-pagamenti issiru il-hlasijiet. Qabel ma saret il-kawza quddiem il-Prim'Awla kien ghad baqa' ammont ta' bilanc ftit il-fuq minn tlett elef u erba' mitt Lira Maltin (Lm3,400). Huwa qal li din il-kwistjoni kienet diga' giet deciza mill-Qorti tal-Prim'Awla u apparti dik is-somma flus huwa ma kellu jaghtih xejn aktar.

**L-intimat Godwin Navarro** xehed nhar l-10 ta' Ottubru 2012 fejn stqarr li l-ammont mitlub minnu huwa parti minn konsenja ta' Polo Shirts fl-ammont ta' hamest elef w mija w sitta u tletin (5136) wahda permezz ta' invoice number 1031 datata 6 ta' Lulju 2007. Qal li dawn huma koperti permezz ta' bill of exchange bin-numru 2-1024 datat 13 ta' April 2007 u li kellu jimmatura fil-5 ta' Gunju ta' l-istess sena 2007, liema bill of exchange tinsab inserita fl-atti a fol 14 tal-atti. Tenna li din il-kambjala hija iffirmata kemm mir-rapprezentant tal-kumpanija kif ukoll minn Alfred Testa. Iddikjara li huwa kien iffirma din il-kambjala bhala avval f-ismu kif ukoll f'isem il-kumpanija G.T. Shirts Company et. Ikkonferma li kien hemm kawza pendenti quddiem il-Prim'Awla, quddiem l-Imhallef Joseph Azzopardi liema kawza prezentament tinsab deciza u gabet ic-cittazzjoni numru 214/2010. Stqarr li l-ammont mitlub minnu fil-kawza li diga' giet deciza quddiem l-Imhallef Joseph Azzopardi kienet tirigwardja konsenja differenti u anke l-ammont kien effettivament differenti. Zied jghid li l-ordni rigwardanti konsenja u cioe' dwar l-invoice 1031 saret xi tlett xhur jew erba' wara li kienet saret mertu tal-kawza li giet deciza quddiem l-Imhallef Azzopardi, u l-mertu taghha li kien hemm quddiem l-Imhallef Azzopardi kien kopert permezz ta' kambjali ohra,

liema kambjali effettivament gew ritornati lill-istess mill-avukat difensur tieghu.

**Godwin Navarro** xehed fl-14 ta' Novembru 2012 fejn stqarr illi l-kawza titratta l-ammont ta' 5,136 polo shirts kif indikati fid-dokument esebit fl-atti a fol 25. Kif jidher mill-ezami ta' din l-istess invoice numru 1031 a fol 25 apparti l-kwistjoni mertu tal-kawza odjerna kien hemm referenza ghal merkanzijiet ohrajn. Naturalment il-flejjes li kien jircievi minghand l-intimati kienu jmorru sabiex jithallsu l-bilanc li kien dovut. Huwa kkonferma li l-hlasijiet u pagamenti li kienu jsiru mill-intimati ma kienux isiru ghal xi kambjali  partikulari. Imma dejjem kienu ntizi sabiex jitnaqqas il-bilanc li jkun hemm restanti. Huwa spjega li dan kien naturalment *an on going account*.

Il-kawza odjerna titratta fuq kambjala tal-ammont ta' Lm1,264.  Mistoqsi ghaliex allura effettivament dak li hemm miktub fl-invoice numru 1031 hemm indikat bhala Lm3,903 meta effettivament il-kawza huwa ghamilha fuq 1264, huwa spjega li dan sar ghaliex l-intimat kien ihallas bin-nifs. Mill-pagament ta' Lm3,903 ghalhekk kien hallas id-differenza. Illum ghad fadallu jhallas Lm1,264 mis-somma ta' Lm3,903 originarjament dovuti lix-xhud.

Huwa spjega li meta qal li l-konsenja kienet tirraprezenta Lm3,903, effettivament dan ma jinkludix il-VAT dovut, kif hemm indikat fuq l-istess dokument aktar l-isfel. Huwa kkonferma li kellu kont wiehed mal-G.T. Meta huma kienu fethu l-kawza quddiem l-Imhallef Azzopardi kienu ghamluha ghall-ammont ta' €8,445. Huwa stqarr li f'dak l-ammont ma hemmx inkluz l-ammont mitlub mix-xhud illum il-gurnata.

Mistoqsi ghaliex effettivament meta hu fetah il-kawza quddiem l-Imhallef Azzopardi ma nkludiex kollox u cioe' anke s-somma pretiza mix-xhud illum qal li effettivament dak iz-zmien kien ha zball. Ix-xhud stqarr li anke meta effettivament huwa kien qed jiktbilhom biex ihalsuh is-somma ta' ftit aktar minn tliet elef Ewro, huwa kien ha zball. Mhux minnu dak li gie allegat lilu li effettivament huwa vvinta din is-somma bhala kambjala meta ra' li l-

qorti superjuri ma taghatx l-imghax kollu mitlub mix-xhud fil-kawza li pprezenta quddiemha. Ix-xhud effettivament kien ghadda lill-avukat difensur tas-socjeta' intimata l-original tal-*bills of exchange* kollha. Huwa effettivament illum il-kawza ghamilha ghal Lm1,025 u mhux ghal Lm1,264 kif hemm miktub fil-kambjala ghaliex effettivament l-intimati kienu hallsuh parti minn din il-kambjala u dan huwa l-bilanc.

Effettivament jekk illum il-gurnata, ix-xhud jghid li huma dovuti 1025, tfisser li l-konsenja li hija rapprezentata fl-invoice 1031 thallset b'aktar minn nofs. Huwa kkonferma li llum il-gurnata wara li huwa ghamel il-komputazzjoni kollha tieghu, il-bilanc dovut mill-intimati huwa fl-ammont ta' Lm1025. Wara l-invoice li x-xhud kien baghat numru 1031, ma hemm ebda invoice ohra b'somma inferjuri. Din l-invoice 1031 hija datata 6 ta' Lulju 2007. Mistoqsi jekk hargux xi invoices ohra wara din l-invoice wiegeb li le ma hargux. Din hija l-ahhar invoice li hargu huma. Il-kawza li x-xhud fetah quddiem l-Imhallef Azzopardi fetaha hames snin wara li effettivament hareg din l-invoice. Pero' l-kawza li huma fethu quddiem l-Imhallef Azzopardi mhix ghall-ammont kollu ndikat f'din l-invoice izda ghall-ammont izghar.

Ix-xhud gie mistoqsi in ri-ezami jekk kienx baghat invoice ghal Lm1,025, wiegeb li ma baghatx. Lanqas ma baghat korrispondenza.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami ta' l-Ittra Ufficcjali Numru 2499/11 mibghuta lir-rikorrenti mill-intimat jidher bic-car li l-azzjoni maghzula mill-intimat fl- Ittra Ufficcjali li baghat kienet wahda ta' azzjoni kambjarja u ghalhekk ir-rikorrenti fir-rikors li pprezenta kien marbut b'liema talba setgha jaghmel u dan in vista tas-sentenzi moghtija mill-Qrati taghna.

Ghalhekk dan premess, din il-Qorti ma ghandha l-ebda ezitazzjoni tafferma illi n-natura tal-azzjoni proposta mill-intimat hi dik kambjarja u huwa inutili li r-rikorrenti jipprova jisposta l-materja billi jsostni b'mod semplicistiku illi l-

kambjala illum mhix dovuta ghaliex tali allegat kreditu tal-intimati gie kanonizzat fis-sentenza li nghatat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

Illi fis-sentenza **"Mario Agius et vs Doris Pulo"** (2846/97/RCP – 24 ta' April 2001) dik il-Qorti trattat in-natura ta' din l-azzjoni. Infatti ntqal:

Illi l-**Artikolu 198 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13)** jghid illi:

*1) "L-eccezzjonijiet li huma personali ghall-pussessur tal-kambjala ma jistghux idewmu l-hlas taghha, jekk ma jkunux likwidi u li jistghu jinqatghu malajr fil-kawza li tkun miexja.*

2) *Jekk dawn l-eccezzjonijiet ikunu jinhtiegu ezami fit-tul, is-smiegh taghhom isir f'kawza ghaliha (*kif messu sar f'dan il-kaz*) , u sadanittant, il-kundanna ghall-hlas tal-kambjala, bil-garanzija jew minghajrha, skond ma jidhrilha l-Qorti, m'ghandhiex tkun imdewma".*

Illi dan l-artikolu hawn fuq imsemmi gie kemm-il darba imfisser minn dawn il-Qrati.

Illi dik il-Qorti kif presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **"Guillaumier Industries Ltd. vs Victor Vella et"**, deciza fl-4 ta' Dicembru, 1998 dwar l-*actio cambiaria* kienet qalet:

*"Illi a bazi ta' dan l-Artikolu gie deciz li "l-iskop tal-ligi huwa carissimu. Il-kawza proposta a bazi ta' kambjala ghandha tigi mill-Qorti trattata bl-akbar celerita' possibbli … … …".*

*Il-kambjala hija proprju l-instrument kummercjali nventat biex appuntu jassigura din il-heffa u l-ghaggla fic-cirkontrazzjoni tal-krediti u d-dejn u sabiex tirrispetta u kemm jista' jkun tiggarantixxi li l-processi kummercjali jkunu animati mill-istess esigenzi".*

*"Biex tassigura din ic-celerita', l-ligi tiffrena l-eccezzjonijiet li jistghu jinghataw kontra l-possessur tal-kambjala*

*biex dawn ma jittardjawx il-kanonizzazzjoni ta' mport ta' kambjala. Tammetti eccezzjonijiet biex meta dawn ikun ta' facli soluzzjoni*" (K.G.M.B 17.10.1987) **"John Portelli noe vs Joseph Sullivan".**

Spjegat ukoll li dan isir, peress li skond kif gie affermat fis-sentenza **"Charles Gatt noe vs Joseph Vassallo Gatt noe"** (K. (J.D.C) 15 ta' Novembru 1993):-

*"appena kambjala tigi ammessa, tigi krejata obligazzjoni 'ad hoc', ghal kollox indipendenti u separata minn kwalunkwe obligazzjoni li seghtet ipprecedietha.*

*Ghalhekk f'kawza bhal din, l-eccezzjonijiet ammissibbli huma generalment limitati ghall-kambjala nnifisha u bhala regola m' ghandhomx jigu permessi eccezzjonijiet li jikkoncernaw obligazzjonijiet precedenti"*.

Dik il-Qorti tkompli issostni illi l-istess arrangement gie segwit f'diversi sentenzi fosthom **"John Mary Sammut vs Michael Cassar"** (App K. 14 ta' Ottubru 1991) u **"George Zahra vs Alfred Borg"** (K. (JSP) 28 ta' April 1995) "*fejn il-Qrati rriferew ghall-gurisprudenza konstanti li fl-azzjoni kambjarja huma permessi biss eccezzjonijiet li jikkontestaw il-validita formali tal-kambjala in kwantu jallegaw li din tkun fuq il-wicc taghha inoltre f'xi wahda mill-elementi kostitwiti essenzjali taghha kif trid il-ligi* " (Vide Vol XXIX P1 1528 – Vol XXIX. 1. 1136) u l-istess **"John Portelli noe vs Charles Vella"** (K.C.D. 30 ta' Awissu 1989); dawn il-principji gew ilkoll elenkati fis-sentenza ta' dik il-Qorti preseduta mill-Onoraevoli Imhallef Raymond Pace fil-5 ta' Ottubru 2000 fl-ismijiet **"Ronald Micallef *et* vs Subway (Malta) Limited"** (Cit. Nru. 273/2000/RCP).

Illi dwar dan kien hemm temperament fis-sentenza **"Joseph Lia vs Alfred Dalli",** K. JDC 26 ta' Jannar 1989 ( kif imsemmi fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, nhar id-29 ta' Mejju 2003 fl-ismijiet **Charles Pool vs Carmelo Mercieca**), li "*ghalkemm sostniet li l-**artikolu 198** japplika kemm meta tali kambjali jkunu girati w anke meta le, irrilevat li hemm eccezzjonijiet*

*permessibbli meta din tolqot l-ezistenza tal-kambjala stess bhal meta l-kunsens tal-accettant tal-kambjala jkun vizzjat minhabba vjolenza jew dolo* (Vol XXXIX. III, 845) u ghalhekk irriteniet li tali eccezzjoni ghandha tingieb permezz ta' azzjoni ohra u permezz ta' azzjoni *ad hoc"*.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Salamone vs Rao"** tad-9 ta' Frar, 1906, moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc intqal illi:

"*Attesocche' le eccezioni date dal convenuto, quantunque personali all'attore, sono di lunga indagine e quindi, secondo il disposto nell'articolo 181 dell'Ordinanza XIII del 1857, la loro cognizione dev'essere rimandata a separato giudizio;*"

Illi wkoll fl-4 ta' Frar 1907, l-istess Qorti tal-Kummerc, fil-kawza fl-ismijiet **"Zammit vs Scicluna"** qalet illi:

*"Attesocche' secondo la pratica costante di quest tribunale il pagamento di una cambiale accettata e scaduta viene sempre ordinato quando le eccezioni sono tali da richiedere lunga indagine, sotto quelle cautele che il prudente arbitrio della Corte credesse opportuno;"*

Illi fl-ahharnett fl-10 ta' Mejju, 1913, fil-kawza fl-ismijiet **"Sultana vs Pecorella"** gie riaffermat li:

*"Atteso che per legge espressa, eccezioni di lunga indagine, come quelle apposte dal convenuto non possono ritardare il pagamento di cambiali scadute. La Corte deve ordinare il pagamento con o senza cauzione e rimettere la cognizione delle eccezioni a separato giudizio";*

Illi konferma ta' dan hija s-sentenza **"Tabone vs Camilleri"** tas-27 ta' Frar 1939 li qalet li:

*"Illi huwa veru illi skond dana l-artikolu tal-ligi, meta l-eccezzjoni ma tistghax tigi definite malajr ma hijiex ammissibbli meta biha jkun ritardat il-pagament. Pero' hemm eccezzjonijiet tant assoluti kemm relattivi, li jistghu jigu moghtija u ghandhom ikunu ammessi.*

*Dawna l-eccezzjonijiet ghandhom il-bazi taghhom fid-dritt komuni u fid-dritt kambjarju. Per ezempju, l-inkapacita' li hija regolata mid-dritt komuni tifforma wahda mill-eccezzjonijiet assoluti, u l-pagament huwa wiehed mill-eccezzjonijiet relativi jew personali li huma regolati mid-dritt kambjarju. Hemm ukoll eccezzjonijiet li gejjin minn fatti posterjuri ghad-data ta' l-emissjoni tal-kambjali".*

Illi tal-istess portata hija s-sentenza fl-ismijiet **"<u>Eminyan vs Mackay</u>"** tad-9 ta' April 1940 tant li nghad li:-

"*Illi skond l-**Art. 181 ta' l-Ord. XIII ta' l-1857**, l-eccezzjonijiet personali ghall-possessur tal-kambjali ma jistghux jirritardaw il-hlas tal-kambjali jekk ma jkunux likwidi u ta' soluzzjoni pronta. Ghalhekk l-eccezzjoni li tal-konvenut ma tistghax tiddilazzjona l-pagament tal-kambjali;"*

Illi tant huwa minnu dan fil-21 ta' Novembru 1940, bid-decizjoni fl-ismijiet **"<u>Staines vs Trapani</u>"** kkonfermat li:

*"Illi jekk dina l-pretensjoni ma kenitx likwida qabel il-kawza, issa li l-Qorti semghet il-provi tista' tillikwidaha, peress illi tirrizulta b'mod konvincenti bhala fondata.*

*U skond **l-art. 181 ta' l-Ord. XII ta' l-1857**, "exceptions affecting the holder of a bill personally, cannot delay the payment thereof, unless the exceptions be such as admit of being clearly and speedily determined". U fil-kaz prezenti l-eccezzjoni tal-konvenut setghet tigi likwidata, kif giet fil-fatt, peress illi setghet tigi definita malajr".*

Illi dawn il-principji gew ukoll ikkonfermati mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"<u>Prof. Carlo Mallia noe vs Mariano Accarino noe</u>"** deciza fit-22 ta' Novembru 1937, ikkonkludiet:-

*"Infatti l-Artikolu 181 tal-Kodici Kummercjali jistabbilixxi illi l-eccezzjonijiet personali ghal possessuri tal-kambjali ma jistghux idewmu l-pagament tas-somma jekk mhumiex likwidi u "di pronta soluzione". Jekk imbaghad huma ta' ndagini twila, dawk l-eccezzjonijiet ghandhom ikunu riservati ghal kawza separata, u l-kundanna tal-kambjali ma tistghax tkun differita, b'garanzija jew minghajr garanzija skond il-prudenzjali arbitriju tal-Qorti".*

Illi dan kollu gie kkonfermat recentement fis-sentenzi ta'**"Francis Portanier vs Abdel Moez Mohammed Aly et"** (Cit. Nru 2291/97/RCP – 12/12/01); kif ukoll, fis-sentenza recenti fl-ismijiet **"John Giordimaina et vs Joseph Pace et"** (Cit. Nru: 3391/1996/TM – 16 ta' Jannar 2003).

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz *de quo*, u in vista ta' dak kollu premess din il-Qorti tasal biex tikkonkludi li ghandha tichad it-talba tar-rikorrenti. Illi fl-ewwel lok jinghad li l-konvenut bla ebda mod ma kkontesta l-hrug tal-kambjala mertu tal-kawza odjerna u cioe' li giet debitament mahruga u ffirmata minnu kif jidher mill-istess kambjala ezebita allegat. Illi lanqas ma tqajmet xi difiza mir-rikorrenti dwar il-*validita' o meno* taghha.

Ir-raguni ghalfejn din effettivament giet mahruga hija kompletament irrelevanti ghall-mertu tal-azzjoni odjerna. Anke jekk effettivament thalset parti minn din il-kambjala huwa irrelevant ai fini ta' din is-sentenza, liema mertu pero' din il-Qorti thallih impregudikat f'kaz li jidhirlu li ir-rikorrenti irid jagixxi b'kawza ohra bhal dik ta' *indebiti solutio*.

Infatti kif diga' gie kkwotat li qal il-Profs. Rene' Cremona fin-noti tieghu:-

*"the moment a person signs the bill of exchange… …the obligation arising from that signature is considered to be complete in itself; it acquires a juridical existence which is considered separate, distinct and independent from the original and fundamental contract entered into between the parties concerned. The law identifies the obligation*

*created or evinced by its bill with the signatures places thereon. Accordingly, a party to a bill would be liable thereon, not because of any pre-existing obligations, but merely because he did actually sign the bill.” (sottolinear ta’ din il-Qorti).*

**Ghaldaqstant din il-Qorti, wara li spjegat fid-detall l-istitut tal-actio cambiaria, thoss li ghandha tichad it-talba rikorrenti fejn giet mitluba sabiex ma tigix reza ezekuttiva l-Ittra Ufficcjali Numru 2499/11 u tikkonferma l-eccezzjonijiet tal-intimat, u dan bla preguidzzju ghal kwalsiasi azzjoni ulterjuri li l-istess rikorrenti jista’ jiehu kontra l-intimat jekk jidhirlu l-kaz.**

**L-ispejjez ta’ din il-kawza jithalsu mir-rikorrenti in toto.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------